



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.12.2006
KUMM(2006) 818 finali

2006/0304 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fi ħdan l-skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2006) 1684}

{SEG(2006) 1685}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

It-trasport bl-ajru sar parti integrali tal-ħajja tas-soċjetà fis-seklu 21, billi jiffaċilita kemm l-ivjaġġar fit-tul tal-passiġġeri kif ukoll tal-merkanzija b'ħeffa bħal qatt qabel u billi jikkontribwixxi kemm għall-integrazzjoni fuq livell Ewropew kif ukoll globali. Sfortunatament, l-avjazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-bidla fil-klima. Fl-2004 l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mis-sehem Komunitarju ta' l-avjazzjoni internazzjonali żdiedu 7.5 fil-mija aktar meta mqabbla ma' l-2003, u dan jirriżulta f'żieda kumulattiva ta' 87 fil-mija mill-1990. Jekk dan jissokta, hemm ir-riskju li ż-żieda fis-sehem Komunitarju ta' l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali jistgħu sa l-2012 itellfu aktar minn kwart tal-benefiċċji ambjentali kollha tat-tnaqqis mitlub skond l-għan Komunitarju taħt il-Protokoll ta' Kyoto. Peress li l-avjazzjoni internazzjonali għadha mhijiex koperta mill-Protokoll ta' Kyoto, din iż-żieda għad ma għandhiex implikazzjonijiet legali. Madankollu, dan ma jnaqqasx mill-implikazzjonijiet ambjentali li għandhom jiġu indirizzati bħala parti minn kwalunkwe politika effettiva dwar il-klima li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-ġejjieni.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi indirizzat l-impatt dejjem jikber tal-bidla fil-klima mill-avjazzjoni permezz ta' l-inklużjoni ta' l-avjazzjoni fl-iskema ta' l-iskambju ta' l-emissjonijiet fil-Komunità ("l-iskema Komunitarja").

- **Il-kuntest ġenerali**

Fis-27 ta' Settembru 2005 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar It-Tnaqqis ta' l-Impatt ta' l-Avjazzjoni fuq il-Bidla fil-Klima. Il-konklużjoni prinċipali li nħarġet mill-Kommunikazzjoni kienet li, minħabba ż-żieda mistennija fil-ġejjieni tat-traffiku ta' l-ajru, jenħtieġu aktar politiki u miżuri sabiex l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima jiġi indirizzat. Wara li analizzat għadd ta' għażliet, il-Kummissjoni ddeċidiet issegwi strument ġdid ibbażat fis-suq fuq livell Komunitarju aktar milli ddaħħal miżuri oħra finanzjarji bħal taxxi u tariffi u kkunsidrat li "*...l-aħjar triq 'il quddiem, mil-lat ekonomiku u ambjentali, huwa billi l-impatt tas-settur ta' l-avjazzjoni fuq il-klima jiġi inkluż fl-iskema [Komunitarja]*". Abbażi ta' din il-konklużjoni, il-Kummissjoni ħabbret li biħsiebha tippreżenta proposta leġiżlattiva għal dan il-għan u stiednet lill-istituzzjonijiet Komunitarji l-oħra biex jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet għall-politika u t-fassil tal-proposta li saru fil-Komunikazzjoni. Din il-proposta timmira lejn l-implimentazzjoni ta' dan il-pilastru ċentrali ta' l-istrateġija mingħajr ma jiġu affetwati l-mezzi l-oħra li jindirizzaw il-bidla fil-klima permezz ta' approċċ komprensiv ibbażat fuq it-teknoloġija mtejba u l-użu ta' l-inġenji ta' l-ajru (inkluż it-tijib fil-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru, ir-riċerka eċċ¹.)

Fit-2 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill tal-Ministri ta' l-Ambjent adotta konklużjonijiet li jirrikonoxxu li l-inklużjoni tas-settur ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja tidher l-aħjar triq għall-ġejjieni u ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposta leġiżlattiva sa tmiem l-2006. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma l-konklużjonijiet

¹ Ara b'mod partikolari s-Sezzjoni 5 ta' KUMM(2005) 459.

prinċipali li ntlaħqu mill-Kunsill Ambjentali. Fil-21 ta' April 2006 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni dwar il-Komunikazzjoni fejn esprima l-fehma tiegħu li l-inklużjoni ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja tista' tkun għażla fattibbli ħafna. Fl-4 ta' Lulju 2006 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni li laqgħet il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u li rrikonoxxiet li l-iskambju ta' l-emissjonijiet għandu rwol potenzjali bħala parti minn pakkett komprensiv ta' miżuri biex jindirizzaw l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima, sakemm dan ikun imfassal b'mod xieraq.

L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-it-Tibdil fil-Klima huwa jiġu stabilizzati l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera għal livell li ma jippermettix interferenzi antropoġeniċi perikolużi fis-sistema tal-klima. Il-Komunità diversi drabi stqarret li ż-żieda ġenerali globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija tal-Komunità għandhom jiġu soġġetti għal politiki u miżuri mfassla biex jiġġeneraw it-tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990 u li huma meħtieġa sabiex jintlaħaq dan il-għan.

Il-miri ta' limitazzjoni u ta' tnaqqis adottati skond il-Protokoll ta' Kyoto jinkludu emissjonijiet mill-avjazzjoni domestika iżda mhux l-emissjonijiet minn titjiriet internazzjonali. Minflok, il-Protokoll ta' Kjoto jimponi l-obbligu fuq il-partijiet li *"isegwu l-limitazzjoni jew it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ...mill-avjazzjoni...bunker fuels, f'ħidmiet permezz ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili..."*. Fis-sitt laqgħa tal-Kumitat ta' l-ICAO dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent mill-Avjazzjoni fl-2004, intlaħaq qbil li sistema ta' skambju tal-kwoti speċifika għall-avjazzjoni u bbażata fuq strument legali ġdid taħt il-patroċinju ta' l-ICAO *"...tant dehret kerha li x-xogħol fuqha kellu jieqaf"*. Madankollu, ir-Riżoluzzjoni 35-5 ta' l-Assemblea ta' l-ICAO minflok approvat skambju miftuħ tal-kwoti u talbet l-iżvilupp ta' gwida li ma torbotx legalment sabiex tintuża mill-istati, kif jixraq, sabiex l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali jiġu inkorporati fl-iskemi tagħhom għall-iskambju tal-kwoti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jieħdu sehem fi u qed jappoġġaw dan ix-xogħol li huwa previst li jitlesta mill-ICAO fl-2007. L-Assemblea ta' l-ICAO f'Settembru 2007 se tiddiskuti din il-kwistjoni. Jiġri x'jiġri, din il-proposta mhix mistennija tidħol fis-seħħ qabel din id-data. Il-gwida finali ta' l-ICAO se titqie, kif jixraq, matul il-proċedura ta' kodeċiżjoni. L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi pprovdut mudell għall-iskambju ta' l-emissjonijiet mill-avjazzjoni li jista' jservi ta' punt ta' referenza għall-kuntatti ta' l-UE ma' msieħba internazzjonali ewlenin u li jkun imħeġġeġ l-iżvilupp ta' sistemi simili madwar id-dinja. Il-Kummissjoni tappoġġja wkoll l-għan ta' ftehim globali mmirat lejn l-indirizzar effettiv ta' l-emissjonijiet mill-avjazzjoni fuq livell globali.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (kif emendata). Din il-proposta għandha l-għan li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex tinkludi l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-proposta għandha l-għan li ttiproteġi, tippreserva u ttejjeb il-kwalità ta' l-ambjent billi tnaqqas l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima. Hija konsistenti mal-politika komuni tat-trasport u tinkoraġġixxi l-iżvilupp sostenibbli tat-trasport bl-ajru.

2. **KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT**

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' min wieġeb

Il-ġbir ta' informazzjoni għall-Komunikazzjoni ta' Settembru 2005 sar matul *Green Week 2005* permezz ta' konferenza miftuħa għall-pubbliku dwar l-avjazzjoni u l-bidla fil-klima.

Sabiex il-Komunikazzjoni tiġi segwita, ġie stabbilit Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni bħala parti mit-tieni fażi tal-Programm Ewropew dwar il-Bidla fil-Klima (ECCP II) biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar metodi għall-inklużjoni ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja. Il-Grupp ikkonsista minn esperti mill-Istati Membri u minn partijiet interessati ewlenin fosthom l-industrija, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u dawk ta' l-ambjent.

Sinteżi tat-tweġibiet u kif tqiesu

It-tagħrif miġbur permezz ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati tqies matul it-tfassil ta' l-iskema proposta. Id-dettalji ta' kif sar dan huma jinsabu fir-rapport tal-valutazzjoni ta' l-impatt.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-Internet mill-11.3.2005 sas-6.5.2005. Il-Kummissjoni rċeviet 5758 risposta. Dawn ir-riżultati huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/environment/climat/aviation_en.htm.

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

Oqsma xjentifiċi/Oqsma ta' għarfien espert ikkonċernati

(1) Ix-xjenza dwar il-bidla fil-klima; (2) l-għarfien espert mill-industrija ta' l-avjazzjoni jinkludi l-fabrikanti ta' l-inġenji ta' l-ajru, l-awtoritajiet ta' l-ajruporti u l-linji ta' l-ajru; (3) l-għarfien espert fl-immudellar; (4) stimi ta' l-emissjonijiet u dejta dwar it-traffiku ta' l-ajru.

Il-metodoloġija użata

L-immudellar permezz ta' mudelli formali matematiċi u kalkoli bbażati fuq id-dejta ta' l-istatistika.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, assoċjazzjoniet ta' l-industrija, organizzazzjonijiet kummerċjali u dawk ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, istituti ta' xjenza u ta' riċerka, u direttorati-ġenerali oħra tal-Kummissjoni.

Sinteżi tal-pariri li nġhataw u li ntużaw

Kien hemm qbil unanimu li l-avjazzjoni tikkontribwixxi għall-bidla fil-klima u rikonnoxximent li jeħtieġ li tittieħed azzjoni sabiex din tiġi indirizzata. F'dan ir-rigward, l-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ġie ppreferut minn taxxi jew multi. Fir-rigward tat-tfassil ta' l-iskema, ġie aċċettat fuq firxa wiesgħa li l-obbligi skond l-iskema għandhom japplikaw għall-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru. Għalkemm ma kienx hemm qbil fir-rigward ta' l-ambitu ġeografiku ta' l-iskema, kien hemm qbil fuq firxa wiesgħa li l-kwantità tal-kwoti u l-proċess għall-allokazzjoni tagħhom għandhom jiġu razzjonalizzati. Il-maġġoranza tal-partijiet interessati li ġew ikkonsultati kienu tal-fehma li l-iskema għandha tkun waħda ta' negozjar miftuħ iżda ma għandhiex taffettwa s-sistema tal-kontabilità li tintuża fl-iskema Komunitarja.

Il-mezzi użati biex il-pariri ta' l-esperti jsiru disponibbli għall-pubbliku

Ir-rapport finali u l-aġendi, id-dokumenti ta' l-isfond u l-preżentazzjonijiet minn kull laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma ta' l-Avjazzjoni huma disponibbli għall-pubbliku fl-internet fuq: http://ec.europa.eu/environment/climat/aviation_en.htm. *Position papers* imressqa mill-partijiet interessati biex jikkomplementaw l-opinjonijiet irreġistrati fil-minuti huma wkoll disponibbli fuq l-istess websajt.

• **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Il-Komunikazzjoni ta' Settembru 2005 kellha magħha valutazzjoni ta' l-impatt fejn tqiesu l-għażliet ta' politiki differenti li huma potenzjalment disponibbli sabiex jitnaqqas l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima. Ikkonkludiet li l-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet huwa s-soluzzjoni l-aktar effiċjenti, kemm mil-lat ambjentali kif ukoll mil-lat ekonomiku.

Valutazzjoni ta' impatt oħra takkumpanja din il-proposta. Din tikkunsidra l-għażliet speċifiċi għat-tfassil u ta' politika għall-inklużjoni ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja. Tikkonkludi li peress li kull linja ta' l-ajru fuq kull rotta koperta mill-iskema tiġi ttrattata b'mod ugwali, jista' jiġi mistenni li l-linji ta' l-ajru jgħaddu, il-biċċa l-kbira jew saħansitra l-ispejjeż kollha marbutin mal-konformità lill-klijenti. Dan ikollu effett żgħir fuq it-tkabbir previst fid-domanda: minn livelli ta' kummerċ normali ta' 142% għal minimu ta' 135% matul il-perjodu 2005 sa 2020 għat-titjiriet kollha li jtilqu u li jaslu. Il-kompetizzjoni bejn il-linji ta' l-ajru ma jkun affettwati sinifikament. L-akbar differenza bejn il-linji ta' l-ajru huwa t-tul tal-vjaġġ li jsir, l-età ta' l-inġenju ta' l-ajru li ntuża u l-piż tat-tagħbija li nġarret. Għalhekk, it-trasportaturi li jivvjaġġaw distanzi iqsar, permezz ta' inġenji ta' l-ajru aktar qodma jew dawk li jgħorru anqas passiġġieri jew anqas tagħbija jiġu affettwati fil-biċċa l-kbira tagħhom aktar mit-trasportaturi li huma effiċjenti fl-użu tal-fjuwil. Il-kompetizzjoni bejn il-linji ta' l-ajru u t-turiżmu ma tkun affettwata b'mod sinifikanti. Madankollu,

kwalunkwe riskju għal dan ta' l-aħħar aktarx jitnaqqas jekk it-titjiriet kollha li jitolqu u li jaslu jiddaħħlu fl-iskema.

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni ta' l-impatt, kif stabbilita fil-Programm ta' ħidma tagħha. Ir-rapport huwa disponibbli fuq http://ec.europa.eu/environment/climat/aviation_en.htm.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

• Sommarju ta' l-azzjoni proposta

Din id-Direttiva proposta għandha l-għan li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex tinkludi l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja.

L-iskema Komunitarja preżenti taħdem billi talloka lill-operaturi għadd ta' kwoti li jippermettu lil kull wieħed minnhom dritt ta' emissjoni ta' tunnellata tad-dijossidu tal-karbonju kull sena. L-għadd totali tal-kwoti allokatu jistabbilixxi limitu għall-emissjonijiet globali tal-parteciċipanti fl-iskema. Sat-30 ta' April kull sena l-operaturi għandhom iċedu l-kwoti li jkopru l-emissjonijiet attwali tagħhom. L-operaturi jistgħu jinnegożjaw il-kwoti sabiex ikun jista' jsir tnaqqis fl-emissjonijiet fejn ikun l-aktar effettiv fl-ispejjeż.

Ir-rekwiżiti għas-sorveljanza u r-rappurtar ta' l-emissjonijiet jidhru fis-seħħ mill-2010. Mill-2011 l-emissjonijiet tas-settur ta' l-avjazzjoni jiġu soġġetti għal limitu u l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru jiġu mitlubin iċedu l-kwoti sabiex ikopru l-emissjonijiet tagħhom.

L-aspetti ewlenin huma:

- L-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru jkunu l-entitajiet responsabbli għal konformità ma' l-obbligi imposti mill-iskema;
- L-iskema għandha tkopri t-titjiriet kollha li jaslu fi jew li jitolqu minn ajruport fil-Komunità mill-1 ta' Jannar 2012. It-titjiriet bejn l-ajruporti ta' l-UE jiġu koperti mill-1 ta' Jannar 2011;
- Titjiriet bl-inġenji ta' l-ajru ta' l-Istat, titjiriet skond ir-regoli tat-titjir viżwali, titjiriet ċirkolari, titjiriet sabiex jiġi ttestjat apparat ta' navigazzjoni jew għal skopijiet ta' taħriġ, titjiriet ta' salvataġġ u titjiriet permezz ta' inġenji ta' l-ajru b'piż massimu għat-tluq ta' anqas minn 5,700kg jiġu esklużi mill-iskema;
- Għall-indirizzar ta' gassijiet oħra, sa l-2008, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta rigward l-emissjonijiet ta' l-ossidu tan-nitroġenu mill-avjazzjoni wara valutazzjoni ta' l-impatt komprensiva;
- Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv eċċessiv fuq l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru, kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru, inklużi l-operaturi minn pajjiżi terzi, jiġi ġestit minn Stat Membru wieħed biss;
- F'kuntrast ma' l-iskema eżistenti, il-metodu għall-allokkazzjoni tal-kwoti jiġi armonizzat fil-Komunità kollha;

- L-għadd totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokat i għas-settur ta' l-avjazzjoni jiġi determinat fuq livell Komunitarju b'referenza għal emissjonijiet fil-medja mill-avjazzjoni matul is-snin 2004-2006;
- Persentaġġ fiss tal-kwantità totali tal-kwoti jiġi allokat mingħajr hłas abbażi ta' livell għall-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li jissottomettu applikazzjoni (l-ewwel waħda relatata mad-dejta għall-2008). Għall-perjodu 2011-2012 dan il-persentaġġ se jikkorrispondi mal-persentaġġ medju propost mill-Istati Membri, u dan jinkludi l-bejgħ bl-irkant fil-pjanijiet ta' allokazżjoni nazzjonali tagħhom. Minn hemm 'il quddiem dan jiġi revedut fid-dawl tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ġenerali ta' l-iskema ta' l-iskambju ta' l-emissjonijiet;
- Id-dettalji ta' kif għandha taħdem is-sistema bl-irkant bħat-tfassil xieraq u l-istima taż-żmien jiġu stabbiliti f'Regolament tal-Kummissjoni. Id-dħul mill-irkant għandu jintuża għall-mitigazzjoni u l-adattment għall-impatti tal-bidla fil-klima u biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi;
- Bħall-parteċipanti l-oħra fl-iskema Komunitarja, l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom jissorveljaw l-emissjonijiet tagħhom ta' dijossidu tal-karbonju u jirrapportawhom lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru amministrattiv sal-31 ta' Marzu ta' kull sena. Ir-rapporti għandhom jiġu verifikati sabiex l-eżattezza tagħhom tiġi żgurata. Il-prinċipji bażiċi għas-sorveljanza, ir-rappurtar u l-verifikar ta' l-emissjonijiet deskritti fil-proposta jiġu elaborati permezz ta' linji ta' gwida;
- L-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru jkunu jistgħu jixtru l-kwoti minn setturi oħrajn fl-iskema Komunitarja u jużawhom biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom;
- L-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru jkunu jistgħu jużaw il-krediti tal-proġetti – l-hekk imsejħa Unitajiet ta' Tnaqqis ta Emissjonijiet (ERUs) u Tnaqqis Ċertifikat fl-Emissjonijiet (CERs) - mill-Mekkaniżmi ta' l-Implimentazzjoni Konġunta jew dawk ta' Żvilupp Nadif (JI/CDM) sal-limitu armonizzat ekwivalenti għall-medja tal-limiti preskritti mill-Istati Membri fil-pjanijiet ta' allokazżjoni nazzjonali tagħhom għal setturi oħrajn fl-iskema Komunitarja;
- L-avjazzjoni domestika tiġi mdaħħla fl-iskema u ttrattata bl-istess mod bħall-avjazzjoni internazzjonali;
- Kunsiderazzjoni partikolari rigward it-trattament tas-servizzi ta' l-ajru lejn reġjuni remoti jew iżolati, li huma dipendenti b'mod partikolari fuq is-servizzi ta' l-ajru, tista' tingħata l-aħjar fi hđan qafas ta' miżuri eżistenti bħal obbligi tas-servizz pubbliku u bħala għajjnuna ta' natura soċjali skond l-Artikolu 87(2) tat-Trattat.

• **Il-bażi legali**

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 175 tat-Trattat (li kien ukoll il-bażi legali tad-Direttiva 2003/87/KE).

• **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika safejn il-proposta ma taqax fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin.

- Il-benefiċċji ekonomiċi ta' l-iskambju ta' l-emissjonijiet jinkisbu biss sakemm il-kwoti jkunu jistgħu jiġu negozjati u aċċettati fil-Komunità. Sabiex dan isir, jeħtieġ stabbiliment ta' qafas komuni.
- Minħabba l-livell għoli ta' integrazzjoni fil-Komunità is-suq tat-trasport ta' l-ajru, jista' jinħoloq tfixkil fil-kompetizzjoni jekk il-politiki oħrajn jiġu applikati fl-Istati Membri.

Azzjoni Komunitarja twettaq aħjar l-oġettivi tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:

- Azzjoni armonizzata li tnaqqas l-impatt tal-bidla fil-klima mill-avjazzjoni tista' tinkiseb l-aħjar permezz ta' l-adozzjoni ta' leġislazzjoni fuq livell Komunitarju. Peress li l-linji ta' l-ajru kollha li joperaw mill-ajruporti Komunitarji jiġu ttrattati kollha b'mod ugwali, it-tfixkil fil-kompetizzjoni jkun minimizzat.
- Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew talbu 'l-Kummissjoni sabiex tipproponi azzjoni Komunitarja u rrikonoxxew il-potenzjal fl-iskambju ta' l-emissjonijiet. Jeħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata sabiex tiddaħħal l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja.
- Il-Komunità hija attur ewlieni fl-avjazzjoni globali, billi tipproduċi madwar nofs l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju minn avjazzjoni internazzjonali rrapportati mill-pajjiċi industrijalizzati lill-UNFCCC.
- Il-proposta temenda l-iskema Komunitarja sabiex tistabbilixxi qafas komuni iżda tħalli x-xogħol ta' l-implimentazzjoni u ta' l-infurzar għall-Istati Membri li qiegħdin f'pożizzjoni aħjar biex iwettquhom.

Il-proposta għaldaqstant tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

• **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

- Din il-proposta tirregola biss dawk l-elementi li huma neċessarji sabiex jiżguraw it-tħaddim tajjeb ta' l-iskema u li jipprevjenu t-tfixkil fil-kompetizzjoni li jista' jirriżulta minħabba l-varjazzjonijiet fit-trattament bejn l-Istati Membri ta' l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru. Sabiex jiġu żgurati l-konformità u t-tnaqqis fl-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni, il-proposta tagħmel użu kemm jista' jkun mill-qafas eżistenti ta' l-iskema Komunitarja. Fejn il-proċeduri li ntużaw fl-iskema eżistenti mhumiex adattati għas-settur ta' l-avjazzjoni, saret dispożizzjoni speċjali fil-waqt li s-sempliċità u l-integrità ambjentali ta' l-iskema ġew ikkonservati.
- L-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet jista' jintuża sabiex jinkiseb benefiċċju ambjentali bi spiża orħos minn ta' mezzi oħrajn u għalhekk huwa l-mezz bl-aktar infiq effettiv biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-avjazzjoni.

- **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: Direttiva.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni li ġejja.

Peress li d-Direttiva temenda Direttiva oħra sabiex tinkludi l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja, strumenti oħra mhumiex xierqa.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Infiq ieħor marbut ma' attivitajiet li jaqgħu taħt din id-Direttiva se jkun kopert mill-istrument finanzjarju għall-ambjent (LIFE+ għall-perjodu 2007-2013). Mhuwiex mitlub ammont addizzjonali.

5. AKTAR TAGĦRIF

- **Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/estinzjoni awtomatika**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' reviżjoni.

- **Tabella ta' korrelazzjoni**

L-Istati Membri huma meħtieġa jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva kif ukoll it-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

Din il-proposta tolqot kwistjoni rilevanti għaż-ŻEE, u għalhekk għandha testendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fi ħdan l-skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta tal-Kummissjoni²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁵,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE⁶ stabbiliet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità sabiex tippromwovi tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'mod effettiv fl-ispiża u ekonomikament effiċjenti.
- (2) L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima, li kienet approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima⁷, huwa li tinkiseb stabbilizzazzjoni fil-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera fuq livell li jipprevjieni indhli perikolu antropoġeniku fis-sistema tal-klima. Il-Komunità stqarret diversi drabi

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/101/KE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18).

⁷ ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11.

li, sabiex jintlaħaq dan il-għan, iż-żieda globali annwali fit-temperatura medja tal-wieċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. Riċerka u xogħol xjentifiċi ta' dan l-aħħar jindikaw li sabiex tintlaħaq din il-mira ta' temperatura fit-tul jeħtieġ li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra jilħqu l-quċċata fi żmien għoxrin sena u dan ikun segwit minn tnaqqis sostanzjali ta' mill-anqas 15% u forsi wkoll ta' 50% meta mqabbel ma' livelli ta' l-1990. Il-livelli ta' tnaqqisiet ikkwantifikati li l-Istati għandhom jaslu għalihom mill-2013 sabiex jintlaħaq l-għan ta' l-istabbilizzazzjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għadhom ma ġewx iffissati fil-proċess internazzjonali tal-bidla fil-klima. Għalkemm din id-Direttiva għandha tkun konsistenti mal-kontribut ta' l-UE lejn il-mira tat-temperatura fil-medda t-twila, il-metodi u l-bażi ta' l-allokazzjoni ta' kwoti lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru skond din id-Direttiva wara dik id-data għandhom jinżammu taħt reviżjoni fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi u ta' żviluppi politiċi fuq livell internazzjonali.

- (3) Il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima tesiġi li l-partijiet jifformulaw u jimplimentaw programmi nazzjonali u, fejn jixraq reġjonali, b'miżuri biex tittaffa l-bidla fil-klima.
- (4) Il-Protokoll ta' Kyoto, li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 fir-rigward ta' l-approvazzjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima u tat-twettiq konġunt ta' l-obbligi tiegħu⁸, jeħtieġ li l-pajjiżi żviluppatti jsegwu l-limitazzjoni jew it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-avjazzjoni mhux ikkontrollati bil-Protokoll ta' Montreal, li jopera permezz ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO).
- (5) Għalkemm il-Komunità mhijiex Parti kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Chicago ta' l-1944, l-Istati Membri kollha huma Partijiet kontraenti għal dik il-Konvenzjoni kif ukoll membri ta' l-ICAO, u jissoktaw fl-appoġġ tagħhom għax-xogħol fl-iżvilupp ta' strumenti bbażati fuq is-suq u jaħdmu ma stati oħrajn fuq livell globali. Fis-sitt laqgħa tal-Kumitat ICAO dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent mill-Avjazzjoni fl-2004, ġie miftiehem li sistema ta' skambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet speċifiċi ma' l-avjazzjoni bbażata fuq strument legali ġdid taħt l-awspiċi ta' l-ICAO deher mhux attraenti biżżejjed biex ma jiġix segwit. Madankollu, ir-Riżoluzzjoni 35-5 ta' l-Assemblea ICAO m'approvax strument ġdid legali iżda minflok tapprova skambju miftuħ ta' kwoti ta' l-emissjonijiet u l-possibilità li l-Istati, jinkorporaw emissjonijiet minn avjazzjoni internazzjonali fl-iskemi tagħhom ta' skambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet.
- (6) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità stabbilit bid-Deċiżjoni 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ ipprova li l-Komunità tidentifika u tistabblixi azzjonijiet speċifiċi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-avjazzjoni, fil-każ li ebda azzjoni bħal din tkun ġiet miftiehma fi ħdan l-ICAO sa l-2002. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2002, Diċembru 2003 u Ottubru 2004, il-Kunsill kemm-il darba sejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tipproponi azzjoni li tnaqqas l-impatt tal-bidla fil-klima mit-trasport internazzjonali bl-ajru.

⁸ ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1.

⁹ ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

- (7) Il-politiki u l-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-livell ta' l-Istati Membri u tal-Komunità fis-setturi kollha ta' l-ekonomija Komunitarja, u mhux biss fi ħdan is-setturi ta' l-industrija u ta' l-enerġija, sabiex jiġi ġġenerat it-tnaqqis sostanzjali meħtieġ fl-emissjonijiet. Jekk l-impatt fuq il-bidla fil-klima mis-settur ta' l-avjazzjoni jissokta bir-rata li għaddej biha bħalissa, dan ipatti b'mod negattiv sinifikanti għat-tnaqqis li sar mis-setturi l-oħra sabiex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima.
- (8) Fil-komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Settembru 2005¹⁰ il-Kummissjoni adottat strateġija dwar it-tnaqqis ta' l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima. Bħala parti minn pakkett ta' miżuri komprensivi, l-istrateġija ppproponiet l-inklużjoni ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u pprovdiet għall-ħolqien ta' grupp ta' ħidma magħmul minn bosta partijiet interessati dwar l-avjazzjoni bħala parti mit-tieni fażi tal-Programm Ewropew dwar il-Bidla fil-Klima biex jikkunsidraw mezzi kif tista' tiġi mdaħħla l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2005 il-Kunsill rikonoxxa li, mill-lat ekonomiku u ambjentali l-inklużjoni tas-settur ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja tidher l-aħjar mod kif timxi 'l quddiem u talab il-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġiżlattiva sa tmiem l-2006. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' Lulju 2006, il-Parlament Ewropew għaraf li l-iskambju ta' l-emissjonijiet għandu rwol potenzjali bħala parti minn pakkett komprensiv ta' miżuri li jindirizzaw l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima, sakemm dan jiffassal b'mod xieraq.
- (9) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jitnaqqas l-impatt tal-bidla fil-klima dovut lill-avjazzjoni billi tinkludi l-emissjonijiet minn attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja.
- (10) L-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom l-aktar kontroll dirett fuq it-tip ta' inġenji ta' l-ajru mħaddma u fuq il-mod kif jittajru u għalhekk għandhom ikunu responsabbli li jikkonformaw ma' l-obbligi imposti minn din id-Direttiva. Operatur jista' jiġi identifikat permezz ta' l-użu ta' *designator* ta' l-ICAO jew ta' kwalunkwe *designator* rikonoxxut u wżat għall-identifikazzjoni tat-titjira. Jekk l-identità ta' l-operatur mhix magħrufa, is-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru għandu jitiqes bħala l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru sakemm ma jippruvax min kien l-operatur.
- (11) Mill-2011, l-emissjonijiet minn titjiriet bejn l-ajruporti Komunitarji għandhom jiġu inklużi fl-iskema Komunitarja. Mill-2012, l-emissjonijiet mit-titjiriet kollha li jaslu fi jew li jtilqu minn ajruporti Komunitarji għandhom jiġu inklużi. L-iskema Komunitarja b'hekk tista' sservi bħala mudell għall-espansjoni ta' l-iskema fuq livell globali. Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt fuq il-bidla fil-klima ta' titjiriet lejn ajruport Komunitarji li jtilqu minn dak il-pajjiż u li huma tal-anqas ekwivalenti għar-reqwiziti ta' din id-Direttiva, l-ambitu ta' l-iskema Komunitarja għandu jiġi emendat sabiex it-titjiriet li jaslu fil-Komunità minn dak il-pajjiż jiġu esklużi.
- (12) L-avjazzjoni għandha impatt fuq il-klima globali minħabba rilaxx tad-dijossidu tal-karbonju, l-ossidi tan-nitroġenu, il-fwar ta' l-ilma u s-sulfat u l-partiċelli tan-nugrufun. Skond il-Grupp Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima huwa stmat li l-impatt totali ta' l-avjazzjoni huwa attwalment darbtejn sa erba' darbiet ogħla mill-effetti ta' l-

¹⁰ KUMM(2005) 459.

emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju tiegħu weħedhom fil-passat. Ir-riċerka Komunitarja reċenti tindika li l-impatt totali ta' l-avjazzjoni jista' tkun ta' madwar darbtejn ogħla mill-impatt tad-dijossidu tal-karbonju waħdu. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn l-estimi ma jqs l-effetti li huma ferm inċerti tas-sħab tat-tip cirrus. F'konformità ma' l-Artikolu 174(2) tat-Trattat, il-politika Komunitarja dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u għalhekk l-impatti kollha fuq l-avjazzjoni għandhom jiġu indirizzati sal-massimu possibbli. Sakemm isir progress xjentifiku fl-identifikazzjoni ta' metriċi aktar adatti għat-tqabbil ta' l-impatti differenti, ikun meħtieġ metodu pragmatiku u prekawzjonarju. L-emissjonijiet ta' l-ossidi tan-nitroġenu se jiġu indirizzati f'leġiżlazzjoni oħra li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni.

- (13) Sabiex jiġi evitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni, għandha tiġi speċifikata metodoloġija ta' allokkazzjoni armonizzata. Biex jiġi żgurat l-aċċess għall-operaturi ġodda ta' l-inġenji ta' l-ajru, proporzjon tal-kwoti se jiġi allokat bl-irkant skond ir-regoli li jitħejjew mill-Kummissjoni. Operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li jieqfu bl-operat tagħhom għandhom jibqgħu jiġu allokatu kwoti sa tmiem il-perjodu li għalih il-kwoti bla ħlas kienu diġa ġew allokatu.
- (14) L-avjazzjoni tikkontribwixxi għall-impatt kumplessiv tal-bidla fil-klima mill-attivitajiet tal-bniedem. Dħul mill-irkant ta' kwoti għandhom jiġu wżati għall-mitigazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, għall-adattament ma' l-impatti tal-bidla fil-klima, għall-finanzjament ta' riċerka u ta' l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, u biex ikopru l-ispejjeż ta' l-amministrazzjoni ta' l-iskema. L-użu tad-dħul mill-irkant b'mod partikolari għandu jiffinanzja kontributi lill-Fond Globali għall-Efficijenza fl-Użu ta' l-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, u għal miżuri kontra t-tneħħija ta' foresti u l-iffaċilitar ta' l-adattament fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw. Dispożizzjonijiet għall-użu tal-fondi mill-bejgħ bl-irkant għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni. Tali notifika ma teżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu stabbilit skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li jagħtu notifika dwar ċerti miżuri nazzjonali. Id-Direttiva ma tippreġudikax ir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura għall-għajjuna mill-Istat li tista' tittieħed fil-ġejjieni skond l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat.
- (15) Sabiex l-infiq ta' l-iskema jkun aktar effettiv, l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom ikunu jistgħu jużaw CERs u ERUs mill-attivitajiet ta' proġetti biex jissodisfaw l-obbligi li jċedu l-kwoti sa limitu armonizzat.
- (16) Sabiex jiġi evitat il-piż amministrattiv eċċessiv fuq l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru, kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għandu jiġi ġestit minn kull Stat Membru ikkonċernat; L-Istati Membri għandhom jintalbu jiżguraw li l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li għalihom inħarġet liċenzja operattiva f'dak l-Istat, jew inkella l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru mingħajr liċenzja operattiva jew ġejjin minn pajjiżi terzi u li l-emissjonijiet tagħhom f'sena bażi huma dovuti l-aktar lil dak l-Istat Membru, jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.
- (17) Sabiex tinżamm l-integrità tas-sistema tal-kontijiet ta' l-iskema Komunitarja fid-dawl tal-fatt li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali għad mhumiex integrati fl-obbligi ta' l-Istati Membri skond il-Protokoll ta' Kyoto, il-kwoti allokatu għas-settur ta' l-avjazzjoni għandhom jiġu wżati biss biex jilhq u l-obbligi għall-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru biex iċedu l-kwoti skond din id-Direttiva. Madankollu, l-operturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom ikunu jistgħu ipartu kwota mogħtija lis-settur ta' l-avjazzjoni għal

kwota li tista tintuża mill-operturi kollha fl-iskema permezz ta' l-amministratur tar-reġistru tagħhom.

- (18) L-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni ta' l-Ajru (Eurocontrol), jista' jkollu informazzjoni li jgħin l-Istati Membri jew lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom skond din id-Direttiva.
- (19) Id-dispożizzjonijiet ta' l-iskema Komunitarja li għandhom x'jaqsmu mas-sorveljanza, ir-rappurtar u l-verifikar ta' l-emissjonijiet u mal-multi applikabbli għall-operaturi għandhom japplikaw ukoll għall-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru.
- (20) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' poteri għall-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni¹¹.
- (21) B'mod partikolari il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta miżuri għall-bejgħ bl-irkant tal-kwoti ta' avjazzjoni mhux meħtieġa li jinħarġu mingħajr ħlas u biex temenda l-attivitajiet dwar l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I meta pajjiż terz jintroduċi miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt mill-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima. Peress li dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva kif ukoll biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċizzjoni 1999/468/KE.
- (22) Ladarba l-għan ta' l-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq meta l-Istati Membri jaġixxu individwalment u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif jidher f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.
- (23) Id-Direttiva 2003/87/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-intestatura ta' Kapitolu I li ġejja tiddaħħal qabel l-Artikolu 1:

¹¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċizzjoni kif emendata bid-Deċizzjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

“Kapitolu I Dispożizzjonijiet Ġenerali”

- (2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-punt (b), jiżdied dan li ġej: “jew ir-rilaxx mill-inġenju ta' l-ajru, waqt li jkun qed iwettaq attività marbuta ma' l-avjazzjoni kif elenkata fl-Anness I, tal-gassijiet speċifikati fir-rigward dik l-attività”;
 - (b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:
 - “(o) 'operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru' tfisser il-persuna li topera inġenju ta' l-ajru fiż-żmien li jwettaq attività marbuta ma' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I jew, meta l-operatur ma jkunx identifikat mis-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru, is-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru;
 - (p) 'Stat Membru amministrattiv' tfisser l-Istat Membru responsabbli għall-amministrazzjoni ta' l-iskema fir-rigward ta' operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru skond l-Artikolu 18a;
 - (q) 'emissjonijiet dovuti mill-avjazzjoni' tfisser emissjonijiet mit-titjiriet kollha li jaqgħu fl-ambitu ta' l-attivitàjiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I li jiġilqu minn Stat Membru jew li jaslu fi Stat Membru minn pajjiż terz;
 - (r) 'emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni' ifissru l-medja ta' l-emissjonijiet annwali fis-snin kalendarji 2004, 2005 u 2006 mill-inġenji ta' l-ajru li jwettqu attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I.”
- (3) Il-Kapitolu II li ġej u l-intestatura għall-Kapitolu III u l-Artikolu 3e jiddaħħlu wara l-Artikolu 3:

“Kapitolu II L-avjazzjoni

Artikolu 3a Ambitu tal-Kapitolu II

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' l-attivitàjiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I.

Artikolu 3b Il-kwantità totali ta' kwoti għall-avjazzjoni

1. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandha tkun ekwivalenti għal 100% tat-total ta' l-emissjonijiet storiċi relatat ma' kull sena.

2. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2) li jibda mill-1 ta' Jannar 2013, il-kwantità totali tal-kwoti ta' l-avjazzjoni li jiġu allokati għandha tkun ekwivalenti għal 100% ta' l-emissjonijiet storiċi minn avjazzjoni mmultiplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perjodu.
3. Għat-tieni perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2) u għal kull perjodu sussegwenti, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati għandha tkun ekwivalenti għal 100% ta' l-emissjonijiet storiċi minn avjazzjoni mmultiplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perjodu.
4. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni dwar l-emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni abbażi tad-dejta disponibbli.

Artikolu 3c

Il-metodu għall-allokkazzjoni ta' kwoti għall-avjazzjoni

1. Fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 3b(1), persentaġġ ta' kwoti għandhom jinbiegħu bl-irkant. Il-persentaġġ għandu jikkorrispondi għall-persentaġġ medju propost mill-Istati Membri li jinkludi l-irkant fil-pjanijiet ta' allokkazzjoni nazzjonali tagħhom taħt il-Kapitolu III għall-perjodu rilevanti.
2. Għall-perjodi fil-ġejjieni, il-persentaġġ għall-bejgħ bl-irkant għandu jkollha il-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament bid-dispożizzjonijiet iddettaljati dwar l-irkant tal-kwoti mhux meħtieġa minn Stati Membri biex jinħarġu mingħajr ħlas skond il-paragrafi 1 u 2. L-għadd tal-kwoti ta' l-avjazzjoni li għandhom jinbiegħu bl-irkant minn kull Stat Membru għandu jkun f'proporzjon mas-sehem tiegħu tat-total ta' l-emissjonijiet dovuti mill-avjazzjoni ta' l-Istati Membri kollha għas-sena ta' referenza rrapportata skond l-Artikolu 14(3) u verifikati skond l-Artikolu 15. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 3b(1), is-sena ta' referenza tkun l-2010 u għal kull perjodu sussegwenti msemmi fl-Artikolu 3b is-sena ta' referenza tkun is-sena kalendarja li tispiċċa 24 xahar wara l-bidu tal-perjodu li għalih jirrifiri l-irkant.

Dak ir-Regolament, imfassal biex jemenda l-elementi mhux essenzjali f'din id-Direttiva billi jissupplimentaha, għandu jiġi adottat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(2a).

4. Dħul mill-irkant ta' kwoti ta' l-avjazzjoni skond il-paragrafu 3 għandu jintuża għall-mitigazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, għall-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima, għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, u biex ikopri l-ispejjeż ta' l-Istat Membru amministrattiv relatati ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jagħharfu lill-Kummissjoni dwar miżuri li ttiegħdu skond dan il-paragrafu.
5. It-tagħrif mogħti lill-Kummissjoni abbażi ta' din id-Direttiva ma jeżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu tan-notifika skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

Artikolu 3d

L-allokazzjoni u l-ħruġ tal-kwoti lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru

1. Għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 3b, kull-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru jista' japplika għal allokazzjoni ta' kwoti li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas skond l-Artikolu 3c. Applikazzjoni tista' ssir permezz ta' sottomissjoni lill-Istat Membru amministrattiv ta' dejta ivverifikata ftunnellati l-kilometru għall-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I li twettqu minn dak l-operatur matul is-sena kalendarja li tintemm 24 xahar qabel il-bidu tal-perjodu relatat magħha skond l-Annessi IV u V. Kwalunkwe applikazzjoni għandha ssir mill-anqas 21 xahar qabel il-bidu tal-perjodu relatat magħha.
2. Għall-inqas 18-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu relatat ma' l-applikazzjoni l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-applikazzjonijiet li jkunu rċevew skond il-paragrafu 1.
3. Għallinqas ħmistax-il xahar qabel il-bidu ta' kull perjodu msemmi fl-Artikolu 3b, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar dan li ġej:
 - (a) Il-kwantità totali tal-kwoti li għandha tiġi allokata għal dak il-perjodu skond l-Artikolu 3b;
 - (b) in-numru tal-kwoti li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas għal dak il-perjodu skond l-Artikolu 3c;
 - (c) il punt ta' riferiment li għandu jintuża sabiex jiġu allokati kwoti mingħajr ħlas lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew sottomessi lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 2.

Il punt ta' riferiment imsemmi f'punt (c) jiġi kkalkolat permezz tad-diviżjoni tan-numru tal-kwoti msemmija fil-punt (b) bit-total tad-dejta ftunnellati l-kilometru inkluża fl-applikazzjonijiet sottomessi lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 2.
4. Fi żmien tliet xhur mid-data minn meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond il-paragrafu 3, kull Stat Membru amministrattiv għandu jikkalkula u jippubblika:
 - (a) l-allokazzjoni totali tal-kwoti għal dak il-perjodu lil kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru li l-applikazzjoni tiegħu/tagħha kien ippreżentaha lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 2, ikkalkulata permezz tal-multiplikazzjoni tad-dejta tat-tunnellati-kilometru inkluża fl-applikazzjoni mal-punt ta' riferiment ippubblikat taħt punt (c) tal-paragrafu 3; u;
 - (b) l-allokazzjoni tal-kwoti għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għal kull sena li għandha tiġi determinata permezz tad-diviżjoni ta' l-allokazzjoni totali tiegħu tal-kwoti għal dak il-perjodu ikkalkulata taħt punt (a) bin-numru ta' snin matul il-perjodu li fiha dak il-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru qed iwettaq attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I.
5. Sat-28 ta' Frar 2011 u sat-28 ta' Frar f'kull sena sussegwenti, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru amministrattiv għandha toħroġ għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru in-numru ta' kwoti allokati għal dak l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għal dik is-sena.

Kapitolu III

Stallazzjonijiet stazzjonarji

Artikolu 3e *Ambitu tal-Kapitolu III*

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-permessi ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' l-attivitajiet elenkati fl-Anness I minbarra l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni. ”

- (4) Fl-Artikolu 6(2)(e), wara “kwoti” jiddaħħlu l-kliem “, minbarra kwoti maħruġa taħt il-Kapitolu II.”
- (5) L-intestatura ta' Kapitolu IV li ġejja tiddaħħal qabel l-Artikolu 11:

“Kapitolu IV

Dispożizzjonijiet li japplikaw għal stallazzjonijiet ta' l-avjazzjoni u daww stazzjonarji”

- (6) Fl-Artikolu 11a jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Bla ħsara għall-paragrafu 3, matul kull perjodu msemmi fl-Artikolu 3b, l-Istati Membri għandhom jippermettu lil kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru juża s-CERs u l-ERUs minn attivitajiet ta' proġetti sa persentaġġ tan-numru tal-kwoti li huwa meħtieġ iċedi skond l-Artikolu 12(2a); dan il-persentaġġ ikun il-tal-persentaġġi speċifikati mill-Istati Membri għall-perjodu skond il-paragrafu (1).

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dan il-persentaġġ mill-anqas sitt xhur qabel il-bidu ta' kull perjodu msemmi fl-Artikolu 3b.”

- (7) Fl-Artikolu 11b(2), il-kelma “stallazzjonijiet” tinbidel b’“attivitajiet”.
- (8) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 2, wara “bl-iskop” jiddaħħlu l-kliem “li jintlaħqu l-obbligi ta' operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru skond il-paragrafu 2a jew;”
 - (b) jiżdied il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. L-Istati Membri amministrattivi għandhom jiżguraw li, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għandu jċedi numru ta' kwoti ugwali għall-emissjonijiet totali matul is-sena kalendarja preċedenti minn attivitajiet ta' avjazzjoni mwettqa minnu elenkati fl-Anness I, kif verifikati skond l-Artikolu 15. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwoti ċeduti skond dan il-paragrafu huma sussegwentement imħassra.”

- (c) fil-paragrafu (3), wara “kwoti” jiddaħħlu l-kliem “, minbarra kwoti maħruġa taħt il-Kapitolu II;”

- (9) Fl-Artikolu 13(3), “L-Artikolu 12(3)” jinbidel bl-“Artikolu 12(2a) jew (3)”.
- (10) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1:
 - (i) wara “dawk l-attivitajiet” jiddaħħlu l-kliem “u ta' dejta ftunnellati l-kilometru għall-iskop ta' l-applikazzjoni taħt l-Artikolu 3d”;
 - (ii) il-kliem “, sat-30 ta' Settembru 2003” huma mħassra; u
 - (b) fil-paragrafu 3:
 - (i) il-kelma “ta' stallazzjoni” tinbidel għal “jew operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru”;
 - (ii) il-kliem “minn dik l-istallazzjoni” jinbidlu għal “matul kull sena kalendarja mill-istallazzjoni, jew, mill-1 ta' Jannar 2010, l-inġenji ta' l-ajru li topera”.
- (11) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:
- (a) fl-ewwel sub-paragrafu:
 - (i) il-kelma “operaturi” tinbidel għal “operaturi u operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru”;
 - (ii) wara “l-Anness V” jiddaħħlu il-kliem “skond dan l-Artikolu”;
 - (b) fit-tieni sub-paragrafu:
 - (i) il-kelma “operatur” tinbidel għal “operaturi u operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru”;
 - (ii) wara “l-Anness V” jiddaħħlu il-kliem “skond dan l-Artikolu”; u
 - (c) wara t-tieni parafrafu, jiżdied dan il-paragrafu:

“Il-Kummissjoni tista' tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għall-verifikazzjoni tar-rapporti sottomessi minn operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru skond l-Artikolu 14(3) u l-applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 3d skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 23(2).”

- (12) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1, il-kliem “a mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003” jiħassru;
 - (b) fil-paragrafu 2:
 - (i) il-kelma “operaturi” tinbidel għal “operaturi u operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru”;
 - (ii) il-kliem “l-Artikolu 12(3)” jinbidlu bil-kliem “din id-Direttiva”; u

(c) fil-paragrafu 3:

- (i) il-kelma “operatur” tinbidel għal “operatur jew operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru”;
- (ii) fit-tieni sentenza, il-kliem “minn dik l-istallazzjoni” jitħassru.

(13) Jiddaħħlu l-Artikoli 18a u 18b li ġejjin:

*“Artikolu 18a
Stat Membru Amministrattiv*

1. L-Istat Membru amministrattiv fir-rigward ta' operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għandu jkun:
 - (a) fil-każ ta' operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru b'liċenzja operattiva valida maħruġa mill-Istat Membru skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-liċenzjar tat-trasportaturi bl-ajru¹², l-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja operattiva fir-rigward ta' dak l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru u
 - (b) fil-każijiet kollha l-oħra, l-Istat Membru bl-akbar ammont ta' emissjonijiet stmati u dovuti lill-avjazzjoni minn titjiriet mwettqa minn dak l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru fis-sena ta' bażi.
2. Abbażi ta' l-aħjar informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni għandha:
 - (a) Sa l-1 ta' Frar 2009, tippubblika lista ta' l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li wettqu attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I fi jew wara l-1 ta' Jannar 2006 li tispeċifika l-Istat Membru amministrattiv għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru skond il-paragrafu 1; u
 - (b) sa l-1 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti, taġġorna l-lista biex tinkludi l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li sussegwentement wettqu attività ta' l-avjazzjoni kif elenkata fl-Anness I.
3. Għall-iskopijiet ta' paragrafu 1, 'sena ta' bażi' ifisser, fir-rigward ta' operatur li beda jopera fil-Komunità wara l-1 ta' Jannar 2006, l-ewwel sena kalendarja ta' l-operat; u f'kull każ ieħor, is-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar 2006.

*Artikolu 18b
Għajnuna mill-Eurocontrol*

Għall-iskopijiet tat-twettiq ta' l-obbligi tagħha skond l-Artikoli 3b(4) u 18a, il-Kummissjoni tista' titlob l-għajnuna ta' l-Eurocontrol u tista' tikkonkludi kwalunkwe fehim xieraq ma' dik l-organizzazzjoni għal dan l-għan.

¹² ĠU L 24, 24.8.1992, p. 1.

(14) fl-Artikolu 19(3), jiżdiedu dawn il-kliem li ġejjin: “u dispożizzjonijiet li jqisu l-inklużjoni ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja. Ir-Regolament għandu jippermetti li l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru jitolbu l-amministratur tar-reġistru tagħhom biex ipartu kwota mogħtija taħt il-Kapitolu II ma' kwota ekwivalenti għal dawk mogħtija taħt il-Kapitolu III. Mat-talba l-Amministraturi għandhom jipproċedu bl-iskambju.”.

(15) Il-paragrafu 2a li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 23:

“2a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.”

(16) Jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

“Artikolu 25a

Miżuri ta' pajjiżi terzi biex inaqqsu l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima

Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt tal-bidla fil-klima minn titjiriet li jitolbu minn dak il-pajjiż, li jaslu fil-Komunità u li huma talanqas ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha temenda din id-Direttiva biex tippovdi għat-tijiriet li jaslu minn dak il-pajjiż sabiex dawn jiġu esklużi mill-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I b'effett mill-perjodu li jmiss imsemmi fl-Artikolu 3b.

Dik l-emenda, imfassla biex l-elementi mhux essenzjali f'din id-Direttiva jiġu emendati, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(2a).”

(17) L-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu (3b), wara “kwoti” jiddaħħlu l-kliem “, minbarra kwoti maħruġa taħt il-Kapitolu II;” u
- (b) fil-paragrafu (4), wara “kwoti” jiddaħħlu l-kliem “, minbarra kwoti maħruġa taħt il-Kapitolu II;”

(18) L-intestaturi li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 30:

“Kapitolu V Dispożizzjonijiet Finali”

(19) L-Annessi I, IV u V huma emendati skond l-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2 Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar

tard minn 12-il xahar wara li tidħol fis-seħħ. Għandhom mingħajr dewmien jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u b'tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan.

Artikolu 3
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

ANNEX

L-Annessi I, IV u V għad-Diretiva 2003/87/KE jiġu emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat hekk:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"KATEGORIJI TA' ATTIVITAJIET LI GĦALIHOM TAPPLIKA DIN ID-DIRETTIVA";

(b) il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 2:

"Għas-sena 2011 it-titjiriet li jtilqu minn kif ukoll jaslu f'ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat biss għandhom jiġu inklużi fl-attività ta' l-avjazzjoni. Mill-1 ta' Jannar 2012, it-titjiriet kollha li jaslu jew li jtilqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat għandhom jiġu inklużi".

(c) tiżdied il-kategorija ta' attività li ġejja:

“

<p><i>L-avjazzjoni</i></p> <p>Titjiriet li jaslu jew li jtilqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat.</p> <p>Din l-attività ma għandhiex tinkludi:</p> <p>a) titjiriet imwettqa esklussivament għat-trasport, fuq missjoni uffiċjali, ta' Re jew Regina renjanti u l-familja immedjata tiegħu/tagħha, Kapijiet ta' l-Istat, Kapijiet ta' Gvernijiet u l-Ministri ta' Gvern fejn dan jiġi verifikat mill-indikatur xieraq li juri l-istatus tar-rota ta' l-ajru;</p> <p>b) titjiriet tal-militar imwettqa mill-inġenji ta' l-ajru militari u titjiriet tad-dwana u tal-pulizija u titjiriet ta' tfittxija u ta' salvataġġ awtorizzati mill-awtorità kompetenti xierqa;</p> <p>c) kwalunkwe titjira mwettqa esklussivament skond ir-regoli viżwali tat-titjiriet kif deskritti fl-Anness 2 mal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Internazzjonali Ċivili 1944;</p>	<p>Dijossidu tal-karbonju</p>
---	-------------------------------

<p>d) titjiriet li jispiċċaw fl-ajruport minn fejn telaq l-inġenju ta' l-ajru u li matulhom ma sar ebda nżul immedjat;</p> <p>e) titjiriet ta' taħriġ mwettqa esklussivament bl-iskop ta' ksib ta' liċenzja, jew ta' klassifikazzjoni fil-każ ta' l-ekwipaġġ ta' inġenju ta' l-ajru fejn dan jiġi verifikat permezz ta' nota adegwata fil-pjan ta' rotta sakemm it-titjira ma tkunx qed isservi għat-trasport tal-passiġġieri u/jew tagħbija jew għall-ippożizzjonar jew it-trasport ta' l-inġenju ta' l-ajru innifsu;</p> <p>f) titjiriet imwettqa esklussivament għall-iskop ta' ċekkjar jew ta' testjar ta' l-apparat użat jew li għandu jintuża bħala appoġġ tekniku mill-art għan-navigazzjoni bl-ajru minbarra t-titjiriet ta' l-ippożizzjonar mill-inġenju ta' l-ajru ikkonċernat; u</p> <p>g) titjiriet imwettqa permezz ta' ingeni ta' l-ajru b'piż massimu iċċertifikat għat-tluq ta' anqas minn 5,700kg.</p>	
---	--

”

(2) L-Anness IV qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(a) l-intestaturi li ġejjin jiddaħħlu wara t-titlu:

“PARTI A – Is-sorveljanza u r-rappurtaġġ ta' l-emissjonijiet minn stallazzjonijiet stazzjonarji”

(b) din il-Parti B għandha tiġi miżjuda:

“PARTI B – Is-sorveljanza u r-rappurtaġġ ta' l-emissjonijiet minn attivitajiet ta' l-avjazzjoni”

Il-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju

L-emissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati permezz tal-kalkolu. L-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkolati permezz tal-formola:

Il-konsum tal-fjuwil bil-fattur ta' emissjoni x

Il-konsum tal-fjuwil għandu jinkludi l-fjuwil ikkunsmat mill-ġeneratur awżiljarju (apu). Il-konsum attwali tal-fjuwil għal kull titjira għandu jintuża kull fejn hu possibbli u għandu jiġi kkalkulat permezz tal-formola:

L-ammont ta' fjuwil miżmum fit-tankijiet ta' l-inġenju ta' l-ajru ladarba *l-uplift* tal-fjuwil għat-titjira jkun sar – l-ammont ta' fjuwil miżmum fit-tankijiet ta' l-inġenju ta' l-ajru wara *l-uplift* tal-fjuwil għat-titjira sussegwenti ikun sar + *l-uplift* tal-fjuwil għal dik it-titjira sussegwenti.

Jekk id-dejta tal-konsum attwali tal-fjuwil ma tkunx disponibbli, għandu jintuża metodu standardizzat imqassam fl-ivelli għall-istima tad-dejta tal-konsum tal-fjuwil u bbażat fuq l-aħjar tagħrif disponibbli.

Għandhom jintużaw il-fatturi ta' bażi għall-emissjonijiet IPCC, meħuda mil-Linji ta' Gwida ta' l-Inventarju ta' l-IPCC 2006 jew minn aġġornamenti sussegwenti ta' dawn il-Linji ta' Gwida, sakemm ma jkunux aktar preċiżi l-fatturi għall-emissjonijiet marbutin speċifikament ma' l-attività li waslu għalihom laboratorji indipendenti akkreditati permezz ta' metodi ta' analiżi aċċettati. Il-fattur ta' l-emissjoni għall-bijomassa għandu jkun zero.

Għandu jsir kalkolu separat għal kull titjira u għal kull fjuwil.

Ir-Rappurtaġġ ta' l-emissjonijiet

Taħt l-Artikolu 14(3) kull-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja fir-rapport tiegħu:

- A. Dejta li tidentifika l-operatur, inkluż:
- L-isem ta' l-operatur;
 - L-Istat Membru amministrattiv tiegħu;
 - L-indirizz tiegħu, inkluż il-kodiċi postali u l-pajjiż u, jekk differenti, l-indirizz ta' kuntatt tiegħu fl-Istat Membru amministrattiv;
 - In-numri ta' reġistrazzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru u t-tipi ta' inġenji ta' l-ajru li ntużaw minnu fil-perjodu kopert bir-rapport għat-tweqqif ta' l-attivitàjiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I;
 - In-numru u l-awtorità tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' l-operatur ta' l-ajru u l-liċenzja operattiva li permezz tagħha l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru wettaq l-attivitàjiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I;
 - L-indirizz, u d-dettalji tat-telefown, il-fax u l-*e-mail* għal persuna tal-kuntatt; u
 - L-isem ta' sid l-inġenju ta' l-ajru;
- B. Għal kull tip ta' fjuwil li għalih jiġi kkalkulati l-emissjonijiet:
- Il-konsum tal-fjuwil;
 - Il-fattur ta' l-emissjoni;

- It-total aggregat ta' l-emissjonijiet mit-titjiriet kollha li twettqu matul il-perjodu kopert bir-rapport li jaqgħu fl-ambitu ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I ta' liema huwa l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru;
- Emissjonijiet aggregati minn:
 - Titjiriet kollha li saru matul il-perjodu kopert bir-rapport li jaqgħu fl-ambitu ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I ta' liema huwa l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru u li telqu minn ajruport fit-territorju ta' Stat Membru u li waslu f'ajruport fit-territorju ta' l-istess Stat Membru;
 - titjiriet kollha oħrajn li saru matul il-perjodu kopert bir-rapport li jaqgħu fl-ambitu ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I ta' liema huwa l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru;
- it-total aggregat ta' l-emissjonijiet mit-titjiriet kollha li saru matul il-perjodu kopert bir-rapport li jaqgħu fl-ambitu ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I ta' liema huwa l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru li:
 - telqu minn kull Stat Membru; u
 - waslu f'kull Stat Membru minn pajjiż terz;
- L-inċertezza.

Il-monitoraġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d

Għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' avjazzjoni skond l-Artikolu 3d(1), l-ammont ta' l-attività ta' l-avjazzjoni għandu jiġi kkalkulat f'tunnellata-kilometri permezz tal-formola li ġejja:

tunnellati l-kilometru = distanza x tagħbija kummerċjali

fejn:

"distanza" tfisser id-distanza fiċ-ċirku kbir bejn l-ajruport tat-tluq u l-ajruport tal-wasla; u

"tagħbija kummerċjali" tfisser il-massa totali tat-tagħbija, il-posta u l-passiġġieri li nġarru.

Għall-iskopijiet tal-kalkolu tat-tagħbija kummerċjali:

- l-għadd tal-passiġġieri għandu jkun l-għadd ta' persuni abbord eskluż il-membri ta' l-ekwipaġġ;
- operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru jista' jagħżel li japplika il-massa attwali jew standard tal-passiġġieri u l-bagalji rreġistrati kontenuta fil-massa tiegħu u d-dokumentazzjoni bilancarja għat-titjiriet rilevanti jew valur ta' bażi għal kull passiġġier u l-bagalji rreġistrati tiegħu ta' 100 kg.

Ir-rappurtaġġ tad-dejta f'tunnellati l-kilometru għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d

Kull-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni tiegħu skond l-Artikolu 3d(1):

- A. Dejta li tidentifika l-operatur, inkluż:
- L-isem ta' l-operatur;
 - L-Istat Membru amministrattiv tiegħu;
 - L-indirizz tiegħu, inkluż il-kodiċi postali u l-pajjiż u, jekk differenti, l-indirizz ta' kuntatt tiegħu fl-Istat Membru amministrattiv;
 - In-numri ta' reġistrazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru u t-tipi ta' inġenji ta' l-ajru li ntużaw matul is-sena koperta bl-applikazzjoni għat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni mill-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru elenkati fl-Anness I;
 - In-numru u l-awtorità tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' l-operatur ta' l-ajru u l-liċenzja operattiva li permezz tagħha l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru wettaq l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I;
 - L-indirizz, u d-dettalji tat-telefown, il-fax u l-*e-mail* għal persuna tal-kuntatt; u
 - L-isem ta' sid l-inġenju ta' l-ajru;

B. Dejta f'tunnellati l-kilometru:

- L-għadd ta' titjiriet skond il-pari ta' ajruporti;
- L-għadd ta' passiġġieri-kilometri skond il-pari ta' ajruporti;
- L-għadd ta' tunnellata-kilometri skond il-pari ta' ajruporti;
- L-għadd totali ta' tunnellati l-kilometru għat-titjiriet kollha li saru matul is-sena relatati mar-rapport li jaqgħu fl-ambitu ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I u li twettqu mill-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru kif .”

(3) L-Anness V jiġi emendat kif ġej:

- (a) l-intestaturi li ġejjin jiddaħħlu wara t-titlu:

“PARTI A – Il-verifikazzjoni ta' l-emissjonijiet minn stallazzjonijiet stazzjonarji”

- (b) din il-Parti B għandha tiġi miżjuda:

“PARTI B – Il-verifikazzjoni ta' l-emissjonijiet minn attivitajiet ta' l-avjazzjoni

- (13) Il-prinċipji ġenerali u l-metodoloġija deskritti f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-verifikazzjoni tar-rapporti dwar l-emissjonijiet minn titjiriet li jaqgħu fi h'dan attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I.

Għal dan il-għan:

- (a) fil-paragrafu (3), ir-referenza għal stallazzjoni għandha tinftiehem bħala kieku referenza għal operatur ta' inġenju ta' l-ajru u fil-punt (c), ir-referenza għal stallazzjoni għandha tinftiehem bħala kieku referenza għall-inġenju ta' l-ajru li ntuża għat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni koperti bir-rapport;

- (b) fil-paragrafu (5), ir-referenza għal stallazzjoni għandha tinftiehem bħala referenza għall-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru;
- (c) fil-paragrafu (6), ir-referenza għal attivitajiet imwettqa fl-istallazzjoni għandha tinftiehem bħala referenza għal attivitajiet ta' l-avjazzjoni koperti bir-rapport u mwettqa mill-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru;
- (d) fil-paragrafu (7), ir-referenza għas-sit ta' l-istallazzjoni għandha tinftiehem bħala referenza għas-siti wżati mill-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni koperti bir-rapport;
- (e) fil-paragrafi (8) u (9) ir-referenzi għas-sorsi ta' l-emissjonijiet fl-istallazzjoni għandha tinftiehem bħala referenza għall-inġenju ta' l-ajru li għalih huwa responsabbli l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru; u
- (f) fil-paragrafu (10) u (12) ir-referenzi għal operatur għandhom jinftiehem bħala referenza għal operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru.

Dispożizzjonijiet oħrajn għall-verifikazzjoni tar-rapporti dwar l-emissjonijiet ta' l-avjazzjoni

- (14) Il-verifikatur b'mod partikolari għandu jaċċerta li:
 - (a) it-titjiriet kollha fi ħdan attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I ittieħdu f'kunsiderazzjoni. F'din il-ħidma il-verifikatur għandu jiġi meġjun permezz tad-dejta ta' l-iskeda tal-ħinijiet u ta' dejta oħra dwar it-traffiku ta' l-operatur inkluż id-dejta ta' l-Eurocontrol mitluba mill-operatur.
 - (b) hemm konsistenza ġenerali bejn id-dejta dwar il-konsum aggregat tal-fjuwil u d-dejta tal-fjuwil mixtri jew inkella pprovdut lill-inġenju ta' l-ajru li jwettqu l-attività ta' l-avjazzjoni.

Dispożizzjonijiet oħrajn għall-verifikazzjoni tad-dejta f'tunnellati l-kilometru sottomessa għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3d(1)

- (15) Il-prinċipji ġenerali, u l-metodoloġija tar-rapporti għall-verifikazzjoni ta' l-emissjonijiet skond l-Artikolu 14(3) stabbiliti f'dan l-Anness għandhom, fejn ikunu applikabbli, japplikaw ukoll b'korrispondenza għall-verifikazzjoni tad-dejta f'tunnellati l-kilometru.
- (16) Il-verifikatur għandu b'mod partikolari jiżgura li dawk it-titjiriet biss li verament twettqu u li jaqgħu fl-ambitu ta' attività ta' l-avjazzjoni kif elenkata fl-Anness I responsabbli għaliha l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru ittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-applikazzjoni ta' dak il-operatur skond l-Artikolu 3d(1). F'din il-ħidma l-verifikatur għandu jiġi meġjun permezz tad-dejta dwar it-traffiku ta' l-operatur inkluż id-dejta ta' l-Eurocontrol mitluba mill-operatur. Minbarra dan, il-verifikatur għandu jiżgura li l-piż tat-tagħbija rappurtat mill-operatur jikkorrispondi mar-reġistri tal-piżijiet tat-tagħbija miżmuma minn dak l-operatur għal raġunijiet ta' sikurezza."

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għall-inklużjoni ta' attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fil-Komunità

2. IL-QAFAS ABM / ABB

Qasam (Oqsma) tal-Politika kkonċernata(i) u Attività/Attivitajiet assoċjati:

Qasam ta' politika: 07 Ambjent

L-Attività ABB Kodiċi 0703: L-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni Komunitarji dwar l-ambjent

3. IL-LINJI BAĠITARJI

3.1. Linji tal-baġit (linji ta' tħaddim u linji ta' assistenza teknika u amministrattiva relatati (ex-linji BA)) li jinkludu l-intestaturi:

Article 07 03 07 - LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — 2007 sa 2013)

3.2. It-tul ta' żmien ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

Għall-2007-2013 l-approprijazzjonijiet meħtieġa jiġu koperti bir-żorsu diġà previsti għall-programm LIFE+. Mhuwix mitlub ammont addizzjonali.

3.3. Il-karatteristiċi baġitarji (żid ir-ringieli jekk ikun meħtieġ):

Linja tal-baġit	It-tip tan-nefqa		Ġdida	Kontribut ta' l-EFTA	Kontribut mill-pajjiżi applikanti	L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja
07 03 07	Mhux komp	Diff	NRU	NRU	NRU	NRU 2

4. SOMMARJU TA' RIŻORSI

4.1. Riżorsi finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI) u ta' l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

It-tip tan-nefqa	Numru tas-Sezzjoni		2007	2008	2009	2010	2011	2012 u wara	It-total
------------------	--------------------	--	------	------	------	------	------	-------------	----------

Infq operattiv¹³

L-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI)	8.1.	a	0.200	0.140	0.065	0.000	0.000	0.200	0.605
L-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)		b	0.100	0.130	0.127	0.048	0.00	0.200	0.605

Infq amministrattiv fi ħdan l-ammont ta' referenza¹⁴

Għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
--	--------	---	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------

AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Appropriazzjonijiet ta' l-impenji		a+c	0.200	0.140	0.065	0.000	0.000	0.200	0.605
L-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet		b+c	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

In-nefqa amministrattiva mhux inkluzja fl-ammont ta' referenza¹⁵

Riżorsi umani u n-nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5.	d	0.108	0.108	0.108	0.108	0.108	0.108	0.648
Spejjeż amministrattivi, minbarra l-ispejjeż tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e	0.004	0.085	0.058	0.031	0.031	0.031	0.240

L-ispiża totali indikattiva ta' l-intervent

¹³ In-nefqa ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titulu xx ikkonċernat.

¹⁴ Nefqa skond l-Artikolu xx 01 04 tat-Titulu xx.

¹⁵ Nefqa skond l-Kapitolu xx 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

AI TOTALI inkluża n-nefqa fir-riżorsi umani		a+c +d +e	0.312	0.333	0.231	0.139	0.139	0.339	1.493
AH TOTALI inkluża n-nefqa fir-riżorsi umani		b+c +d +e	0.212	0.323	0.293	0.187	0.139	0.339	1.493

Id-dettalji tal-kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolti l-kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn korpi oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali jekk huma previsti korpi differenti li jipprovdu l-kofinanzjament):

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Il-korp ta' kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	It-total
.....	f	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
AI totali li jinkludu l-kofinanzjament	a+c +d+ e+f							

4.1.2. Il-kompatibbiltà mal-programmazzjoni finanzjarja

- Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti.
- Il-proposta se tinvolti programmazzjoni mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Il-proposta tista' tirrikjedi applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali¹⁶ (jiġifieri strument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-dħul

- Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

NB: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-metodu ta' kalkolu ta' l-effett fuq id-dħul għandhom jidhru f'anness separat.

¹⁶ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Miljuni ta' EUR (sa l-ewwel punt decimale)

Linja tal-baġit	Id-dħul	Qabel azzjoni [Sena n-1]	Il-qagħda wara l-azzjoni					
			[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] ¹⁷
	a) <i>Dħul f' termini assoluti</i>							
	b) <i>Bidla fid-dħul</i>	Δ						

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja baġitarja tad-dħul involuta, u żid in-numru xieraq ta' ringieli mat-tabella jekk ikun hemm effett fuq aktar minn linja baġitarja waħda.)

4.2. **Riżorsi Umani FTE (ekwivalenti għal *full-time*) (inkluż staff uffiċjali, temporanju u estern) – ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.**

Ir-reqwiziti annwali	2007	2008	2009	2010	2011	2012 u wara
In-numru totali ta' riżorsi umani	1A*/AD	1A*/AD	1A*/AD	1A*/AD	1A*/AD	1A*/AD

5. **KARATTERISTIĊI U GĦANIJET**

5.1. **Il-ħtieġa li għandha tintlaħaq fil-qosor jew fit-tul**

Għat-tnaqqis ta' l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima permezz ta' l-inklużjoni ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja għall-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (ara Sezzjoni Memorandum ta' Spjegazzjoni 'Raġunijiet għal u għanijiet tal-proposta'). Għal dan il-għan, jinħtieġu riżorsi finanzjarji għal:

- l-iżvilupp ta' regoli ta' implimentazzjoni u ta' gwida meħtieġa bil-proposta;
- il-ksib ta' studji jew ta' għajjnuna teknika oħra relatata ma' l-implimentazzjoni;
- it-tweġiq ta' kompiti mogħtija lill-Kummissjoni permezz tad-Direttiva, inkluż deċiżjonijiet relatati ma' l-allokkazzjoni ta' kwoti u t-tħejjija u ż-żamma ta' lista mill-Istat Membru amministrattiv għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru.

Somma ta' € 200 000 fl-ewwel sena, miżjuda b'€ 140 000 fit-tieni sena u b'€ 40 000 fit-tielet sena mistennija li tkun meħtieġa għall-ksib ta' l-istudji jew ta' għajjnuna oħra teknika relatata ma' l-implimentazzjoni tad-Direttiva. € 200 000 aktar huwa antiċipat fl-2012 għal aktar għajjnuna teknika u evalwazzjoni.

Adattamenti fis-sistemi IT għar-registru Komunitarju Indipendenti tat-Tranzazzjonijiet huma previsti għas-sena 2009 (€ 25 000).

¹⁷ Kolonni addizzjonali għandhom jiġu mizjuda jekk meħtieġ, jiġifieri jekk it-tul ta' l-azzjoni jaqbeż is-6 snin.

5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment tal-Komunità, u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġiji possibbli

Azzjoni armonizzata li tnaqqas l-impatt tal-bidla fil-klima mill-avjazzjoni tista' tinkiseb l-aħjar permezz ta' leġislazzjoni u koordinazzjoni fuq livell Komunitarju. (Ara wkoll Sezzjoni 3 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni)

L-infiq operattiv huwa previst f'dik il-parti tal-baġit ta' LIFE+ li hija soġġetta għall-ġestjoni ċentrali diretta.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM.

Għat-tnaqqis ta' l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima billi tiddaħħal l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. B'mod partikolari:

- għall-inklużjoni tas-settur tat-trasport bl-ajru bil-għan li jitnaqqas l-impatt tal-bidla fil-klima;
- għall-assimilazzjoni ta' l-ispejjeż esterni tal-bidla fil-klima; u
- bħala kontribut għat-titjib fir-rendiment ambjentali ta' l-operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru permezz tat-tisħiħ ta' l-inċentivi ekonomiċi għall-operaturi tat-trasport bl-ajru sabiex jitnaqqas l-impatt tagħhom fuq il-klima.

5.4. Il-metodu ta' l-implimentazzjoni (indikattiv)

X ***Ġestjoni ċentralizzata***

X direttament mill-Kummissjoni

indirettament permezz ta' delegazzjoni lil:

Aġenziji eżekuttivi

korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

Ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata

ma' l-Istati Membri

ma' pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)

Kummenti rilevanti:

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' sorveljanza

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar l-azzjonijiet u l-miżuri kollha li jieħdu għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.

Il-kuntratti li tiffirma l-Kummissjoni għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva għandhom jipprovdu għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju min-naħa tal-Kummissjoni (jew ta' kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha) u għall-verifiki min-naħa tal-Qorti ta' l-Awdituri, jekk ikun meħtieġ fil-post stess.

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. L-evalwazzjoni ex-ante

Ara l-evalwazzjoni ta' l-impatt li takkumpanja din il-proposta bħala Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni. L-impatti ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ta' saħħa tal-miżuri kollha proposti ġew evalwati.

6.2.2. Miżuri li ttieħdu wara evalwazzjoni intermedja/ex-post (tagħlimiet miksuba permezz ta' esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Il-miżuri proposti u l-evalwazzjoni ta' impatt mehmuża jieħdu f'kunsiderazzjoni t-tagħlimiet miksuba permezz ta' l-operat ta' l-iskema Komunitarja

6.2.3. It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjoni fil-ġejjieni

N/A

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-istandards ta' kontroll intern Nri. 14, 15, 16, 18, 19, 20, u 21 u l-prinċipji mniżżla fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għandhom jiġu applikati bis-sħiħ.

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Appropriazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

(Għandhom ikunu pprovduti l-intestaturi ta' l-għanijiet, ta' l-azzjonijiet u tar-riżultati)	Tip ta' riżultat	Spiż a. medj a	2007		2008		2009		2010		2011		2012 u wara		IT-TOTAL	
			Għadd ta' azzjonijiet/outputts	Spiża totali	Għadd ta' azzjonijiet/outputts	Spiża totali	Għadd ta' azzjonijiet/outputts	Spiża totali	Għadd ta' azzjonijiet/outputts	Spiża totali	Għadd ta' azzjonijiet/outputts	Spiża totali	Għadd ta' azzjonijiet/outputts	Spiża totali	Għadd ta' azzjonijiet/outputts	Spiża totali
GĦAN OPERAZZJONALI ¹⁸ Żvilupp ta' regoli ta' implimentazzjoni u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni	Studji u konsultazzjonijiet L-adattament tas-sistemi ta' l-implimentazzjoni		1	0.200	1	0.140	1	0.065		0.000		0.000	1	0.200		0.605
SPIŻA TOTALI				0.200		0.140		0.65		0.000		0.000		0.200		0.605

¹⁸ Kif deskritt fis-Sezzjoni 5.3.

8.2. Nefqa amministrattiva

8.2.1. In-numru u t-tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Staff li għandu jiġi assenjat għat-tmexxija ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (numru ta' karigi/FTEs)					
		2007	2008	2009	2010	2011	2012
Uffiċjali jew staff temporanju ¹⁹ (XX 01 01)	A*/AD	1	1	1	1	1	1
	B*, C*/AST						
Persunal ifffinanzjat ²⁰ bl-Artikolu XX 01 02							
Staff ieħor ²¹ ifffinanzjat taħt l-Artikolu XX 01 04/05							
IT-TOTAL		1	1	1	1	1	1

8.2.2. Deskrizzjoni tax-xogħolijiet li jirriżultaw mill-azzjoni

- Tħejjija ta' regolamenti ta' l-implimentazzjoni dwar l-irkant u gwida dwar ir-reqwiżiti għas-sorveljanza, ir-rappurtar u l-verifikazzjoni
- Verifikazzjoni ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri
- Tħejjija u aġġornament tal-lista ta' l-Istati Membri amministrattivi
- Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni relatati ma' l-allokazzjonijiet ta' kwoti għas-settur ta' l-avjazzjoni

8.2.3. Is-sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

- Karigi attwalment allokati għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jinbidlu jew jiġu estiżi
- Karigi allokati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
- Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- Karigi li għandhom jiġu allokati mill-ġdid permezz tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (rijallokazzjoni interna)

¹⁹ Li l-ispiża tagħhom MHIJEX koperta bl-ammont ta' referenza.

²⁰ Li l-ispiża tagħhom MHIJEX koperta bl-ammont ta' referenza.

²¹ Li l-ispiża tagħhom hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

- Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhumiex previsti fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena kkonċernata

8.2.4. *Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – In-nefqa għall-ġestjoni amministrattiva)*

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	2007	2008	2009	2010	2011	2012 u wara	IT- TOTAL
1 Ghajjnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati ta' l-istaff)							
Aġenziji eżekuttivi ²² i							
Assistenza teknika u amministrattiva oħra							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>							
It-total ta' l-ghajjnuna teknika u amministrattiva							

8.2.5. *L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

It-tip ta' riżorsi umani	2007	2008	2009	2010	2011	2012 u wara
Uffiċjali u staff temporanju (XX 01 01)	0.108	0.108	0.108	0.108	0.108	0.108
Staff iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 02 (awżiljaru, END, staff bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)						
L-ispiża totali tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (li MHUMIEX inklużi fis-somma ta' referenza)	0.108	0.108	0.108	0.108	0.108	0.108

²² Għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija(i) Eżekuttiva(i) kkonċernata(i).

Kalkolu – *Uffiċjali u aġenti temporanji*

Is-salarju standard għal uffiċjal 1A*/AD kif previst fil-Punt 8.2.1 huwa €0.108 m.

Kalkolu – *L-istaff ifffinanzjati bl-Artikolu XX 01 02*

N/A

8.2.6. *In-nefqa amministrattiva l-oħra li mhijiex inkluża fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012 u wara	IT- TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0.004	0.004	0.004	0.004	0.004	0.004	0.024
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi	0.000	0.027	0.027	0.027	0.027	0.027	0.135
XX 01 02 11 03 – Kumitati ²³	0.000	0.054	0.027	0.000	0.000	0.000	0.081
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' l-informatika	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
2 It-total ta' infiq ieħor ta' ġestjoni (XX 01 02 11)							
3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika u inkludi referenza għal-linja tal-baġit)							
Infiq amministrattiv totali minbarra riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza	0.004	0.085	0.058	0.031	0.031	0.031	0.240

²³ Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.

Kalkolu – *Nefqa oħra amministrattiva li mhijiex inkluża fl-ammont ta referenza*

Erba' missjonijiet fuq spiża ta' unità ta' € 1000 huma previsti kull sena mill-2009 sal-2013, sabiex il-proposta tiġi spjegata u tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri.

Laqgħat tal-Kumitat dwar il-Bidla fil-Klima (fuq spiża ta' unità: € 27 000) huma previsti fl-2008 u fl-2009 għall-adozzjoni ta' l-implimentazzjoni tar-regoli u tal-gwida.

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti taħt l-allokazzjoni mogħtija lid-DĠ li jmessi fil-qafas tal-proċedura għall-allokazzjoni annwali.